**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Mejju, 2018

Rikors Nru : 454/17 AL

**AB**

*Vs*

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

ILLI l-partijiet kienu żżewwġu fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. A';

ILLI l-partijiet ilhom legalment separati, u dan a tenur ta' kuntratt redatt minn Nutar Patricia Hall datat l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) kif jirriżulta mill-kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bħala 'Dok. B';

ILLI minn tali zwieg ghandhom tifla, L B, li twieldet fil-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u dunque hija minuri kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. C';

ILLI ma hemmx manteniment pendenti versu t-tifla minuri a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni attwali;

ILLI fiċ-ċirkostanzi prevalenti m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar erba' snin u kull parti qed ssegwi ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

ILLI l-attrici tixtieq li tinghata l-permess li tirreverti ghal kunjomha xbubitha u cioe 'Oliva';

ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna li l-attrici tkun tista' tirreverti ghal kunjomha xbubitha 'Oliva' u cioe' tkun registrata bhala 'Alisia Oliva';

3. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fit-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet kif ukoll bit-tibdil tal-kunjom tal-attrici biex dawn jiġu hekk reġistrati fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat illi l-intimat, fuq domanda tal-Qorti, wiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Frar, 2012 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet fir-rikors guramentat taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Oliva. Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjonijiet kollha necessarji f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Oliva, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;